MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 149/2011

**QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 6 ta' Novembru, 2014

Rikors Guramentat numru : 149/2011 AL

**A B f'isimha proprju u ghan-nom ta' binha minuri L D**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni li minnha twieled il-minuri L D nhar is-16 ta' Lulju 1997 u li llum ghandu kwazi erbatax-il sena, vide kopja tac-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok 'CZ1';
2. Illi l-intimat irrikonoxxa lill-istess minuri bhala l-wild naturali tieghu;
3. Illi kienet minn dejjem l-attrici li esklussivament hadet hsieb it-trobbija tal-minuri, kemm mill-lat emottiv kif ukoll mill-aspett finanzjarju;
4. Illi l-intimat rarament ikkontibwixxa finanzjarjament ghall-bzonnijiet materjali ta' ibnu u dan kien jaghmlu billi f'okkazzjonjiet sporadici kien jghaddi xi haga zghira tal-flus lill-

minuri nnifsu;

5. Illi minkejja talbiet da parti tar-rikrrenti sabiex l-intimat ikollu sehem aktar attiv f'hajjet il-minuri u sabiex jikkontribwixxi finanzjarjament ghat-trobbija tieghu, dan baqa indifferenti;
6. Illi l-intimat dejjem inghata access liberu ghall-minuri;
7. Illi r-rikorrenti kienet intavolat proceduri ta' medjazzjoni sabiex l-intimat jibda jhallas somma bhala manteniment ghall-minuri oltre l-hlas ta' attretrati;
8. Illi kif ser jigi pruvat tul il-mori tal-kawza, ir-rikorrenti qed tinkorri spejjez kbar sabiex taghti lil binha livell u kwalita' ta' hajja mill-ahjar, liema ghazliet huma fl-ahjar interess tal-minuri;
9. Illi l-intimat ghandu impjieg u gej minn familja tajba u ghaldaqstant ma hemm xejn li jimpedih milli jhallas manteniment ghal ibnu. Jinghad anzi illi l-intimat izomm 'lifestyle' ta' kwalita gholja hafna;
10. Illi z-zewg partijiet jinsabu llum il-gurnata mizzewgin u ghandhom ulied ohra mill-mara/ragel rispettiv taghhom;
11. Illi l-esponenti giet awtorizzata biex taghmel dina il-kawza permezz ta' Digriet Nru 90/11 hawn anness u mmarkat Dok. 'CZ2';

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex fl-ahjar interess tal-minuri :

(1) Tillikwida s-somma ta' manteniment ghall-minuri, u f'kaz li t-tifel jkompli jistudja f'livell ta' edukazzjoni terzjarju, tordna li l-manteniment jibqa' jithallas sakemm il-wild jtemm dawn l-istudji;
(2) Tordna lill-intimat ihallas is-somma hekk likwidata ta' manteniment;
(3) Tordna lill-intimat ihallas l-arretrati ta' manteniment *in toto* jew *in parte*;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici ;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament, ir-rikors guramentat huwa null stante li ma sarx fit-termini stabbiliti mill-ligi u cioe' mill-Avviz Legali 397 tal-2003;
2. Illi inoltre in linea preliminari ukoll, il-parti l-kbira tal-manteniment kif mitlub fit-tielet talba tar-rikors promotur hi preskritta u dan ai termini tal-artikolu 2156(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement it-talba kif dedotta hi insostenibbli sakemm ma tkunx limitata ghall-ahhar hames snin;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dak allegat fir-rikors guramentat mhuwiex minnu kemm fattwalment kif ukoll legalment kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
4. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, A B trid tindika l-bazi legali ghat-talbiet kollha taghha partikolarment ghat-tielet wahda;
5. Illi t-talbiet elenkati fir-rikors promotur saru issa wara 14-il sena, huma frott ta' pika;
6. Illi AB tghix hajja lussuza u qatt ma inkludiet lill-esponent f'kull decizjoni li taffettwa lil binhom u kienet anki tohloqlu ostakli biex ikollu access ghal ibnu;
7. Illi fi kwalunkwe kaz, kull ghajnuna finanzjarja ghandha tkun depozitata f'kont f'isem il-wild u mhux accessibbli ghall-omm;
8. Ili ghalkemm A B qatt ma riedet manteniment ghax skont hi, ma riditx indhil da parti tal-esponent, huwa dejjem ghen skont il-bzonn, tenut kont li ghandu zewgt itfal ohra u mizzewweg;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici u cioe' omm il-minuri L D f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici tal-istess binha l-minuri[1] sabiex l-intimat ikun ordnat ihallas manteniment ghall-istess wild. L-attrici qieghda titlob ukoll li din il-Qorti tillikwida l-arretrati ta' manteniment dovut ghall-minuri.

**Dwar l-ewwel eccezzjoni relatata mal-Avviz Legali 397 tal-2003**

Illi l-Qorti taghmel referenza ghan-nota konguntiva tal-partijiet esebita in atti[2] u li permezz taghha l-intimat irtira din l-ewwel eccezzjoni, l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess u dan anke in vista ta' Dok. CZ2 anness mar-rikors promotur[3] li juri li fil-verita' l-medjazzjoni giet intavolata u li l-attrici kienet awtorizzata tipprocedi bil-kawza odjerna.

**Dwar it-tieni ccezzjoni u cioe' li t-tielet talba attrici hija milquta *in parte* bi preskrizzjoni kwinkennali skond l-Artikolu 2156(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-Qorti tinnota li fil-mori tal-proceduri, l-attrici ma tipprezenta ebda ittra ufficjali kontra l-intimat. Il-Qorti ma tistax ma taffermax li l-attrici zgur li hadet iz-zmien taghha sabiex tiehu l-passi necessarji sabiex tinterpella lill-intimat ghall-anqas b'mod formali sabiex jibda jhallas manteniment ghal ibnu.

[1] Ara l-korrezzjoni awtorizzata permezz tal-verbal tat-18 ta' Novembru 2011 a fol 16 tal-process
[2] Ara a fol 14 tal-process
[3] Esebit a fol 5 tal-process

Illi l-intimat jeccepixxi l-Artikolu 2156(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u permezz tieghu jikkontendi li f'kaz li l-Qorti tikkoncedi t-tielet talba attrici, l-arretrati huma *in parte* milquta bil-preskrizzjoni kwinkwennali. Ghalhekk, l-istess intimat jargumenta li fl-ahjar xenarju ghall-istess attrici, huwa l-manteniment tal-ahhar hames snin qabel ma giet intavolata l-ittra ufficjali li jista' jkun dovut. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Victoria Camilleri et vs Mahmoud Faraj Abdul sive C Kareem**[4] fejn gie dikjarat li "***l-artikolu 2156(b) jikkolpixxi kwalsiasi azzjoni, indipendentement minn fejn torigina, ghall-hlas tal-manteniment***".

Il-Qorti tirrileva li f'kazijiet simili fejn tigi eccepita l-preskrizzjoni, allura l-oneru tal-prova relatata ma' xi forma ta' interruzzjoni jew sospensjoni taqa' necessarjament fuq l-attrici. Dan qieghed jinghad ghaliex kif qalet tajjeb il-Qorti Civili fil-kawza citata aktar 'il fuq "***provocata la prescrizione incombe ghall-attore di provare la sua interruzione; ed in difetto di tale prova, l'eccezione di prescrizione non puo' essere rigettata***". Jidher pero' li dan mhux necessarju fil-kaz odjern *stante* li l-partijiet jipprezentaw nota konguntiva u li permezz taghha jiddikjaraw li t-talba ghall-arretrati ta' manteniment qed tigi limitata ghall-perjodu mis-17 ta' Gunju 2011 'il quddiem[5]. Dan ifisser allura li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hekk kif sollevata mill-intimat hija survolata u li l-Qorti trid tiffoka fuq it-talba ta' arretrati mid-data msemmija 'l quddiem. Ghal finijiet ta' kjarezza jrid jinghad li fid-data msemmija, l-kawza odjerna kienet diga' giet intavolata u konsegwentement zgur li kien hemm att gudizzjarju relattiv. Fic-cirkustanzi l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

**<u>Il-Mertu tal-kawza</u>**

Il-Qorti tirrileva li allura, wara li gew diskussi l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari, jibqa' biss li jigi deciz il-mertu tal-istess kawza u cioe' l-

[4] Citazzjoni Numru 533/2000 deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[5] Ara a fol 14 tal-process

likwidazzjoni ta' manteniment ghall-minuri u likwidazzjoni ta' arretrati dovuti mis-17 ta' Gunju 2011 'il quddiem.

Ghal finijiet ta' kjarezza jrid jinghad li l-minuri ghandu sbatax –il sena *stante* li twieled fis-16 ta' Lulju 1997.

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[6]u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[7]fejn saret referenza ghal Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

"***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

[6]Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)

[7] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-Artikolu 3B imsemmi jsemmi z-zwieg, abbazi tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 16, tali obbligu huwa certament estiz ghal kull genitur minghajr ebda forma ta’ distinzjoni jekk il-genituri humiex mizzewgin jew le. Huwa evidenti ghalhekk li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied b’dan li t-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-genituri huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied (fil-kaz odjern lejn wild wiehed) jibqa' bazikament dettat u kkalkulat skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap 16, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut.

Ir-rikorrenti tghid li minn mindu kecciha ‘l barra mid-dar, l-intimat qatt ma hallas xejn ghat-trobbija tal-minuri u lanqas wera interess fih. Il-Qorti tirrileva li *stante* li din hija kawza principalment fuq manteniment, allura ser tillimita ruhha fuq l-istess minghajr ma tidhol fi kwistjonijiet ta’ decizjonijiet relatati mal-minuri, access jew interess fl-istess minuri. Kollox idur fuq il-manteniment tal-minuri u jekk l-intimat qattx hallas xi forma ta’ manteniment ghal ibnu. Jekk ezercitax id-dritt tieghu ta’ access mhux il-mertu ta’ din il-kawza. Zgur li jekk ma giex ezercitat tali dritt ma jfissirx li l-manteniment mhux dovut u dan *stante* li l-manteniment huwa obbligu assolut li mhux abbinat mad-dritt ta’ access u fit-tieni lok ghaliex l-istess minuri, minkejja l-access u minkejja kollox ried jikber, ried jilbes u kellu bzonn l-ghajnuna finanzjarja tal-genituri tieghu. Jidher pero’ li dan sar biss da parti tal-attrici minghajr ebda forma ta’ ghajnuna finanzjarja da parti tal-intimat. L-attrici tghid ukoll li meta kienet titlob il-flus lill-intimat ghall-iskola tal-minuri (San Anton) kien jghidilha biex tibghatu skola tal-Gvern. Il-Qorti m’hijiex ser tidhol fil-kwistjoni dwar jekk kellhiex tohorgu minn tali skola biex tibghatu tal-Gvern jew le *stante* li din hija decizjoni personali. Lanqas m’hi ser tidhol fil-kwistjoni dwar jekk l-attrici ghandhiex

*lifestyle* halja kif jikkontendi l-intimat ghaliex dak li tonfoq ghaliha mhux il-mertu tal-kaz. Kollox idur fuq il-minuri u cioe' jekk l-intimat ghandux ihallas manteniment ghal ibnu jew le.

L-intimat min-naha l-ohra jikkontendi li ghandu ulied ohra xi jmantni ghall-kuntrarju tal-attrici li ghandha wild wiehed. Ghalkemm jidher li tali dikjarazzjoni hija inveritiera *stante* li l-attrici tiddikjara li ghandha tifla ohra (mir-ragel taghha)[8] l-Qorti tiddeplora dan it-tip ta' ragunament ghaliex l-ulied huma kollha l-istess, kollha bl-istess drittijiet u ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li ghandu jkun hemm xi differenza bejniethom jew fil-mod ta' kif jigu mantenuti. Huma z-zewg genituri li ghandhom l-istess obbligi versu wliedhom. Dan ifisser li la l-intimat ghandu tliet ulied, allura ghandu l-istess obbligi ghat-tlieta li huma minghajr ebda forma ta' differenza bejniethom. Jekk l-attrici ghandha wild wiehed (dejjem skont l-intimat), m'ghandhiex tkun zvantaggata. *Se mai* l-intimat kellu jkun aktar responsabbli biex jaccerta ruhu li wliedu ser ikollhom hajja tajba. Dwar dan il-Qorti thoss li pero' ma jidhirx li hemm problema ghaliex kif ser jinghad aktar 'il quddiem zgur li rrizulta b'mod car li l-intimat ghandu l-mezzi sabiex jghajjex lil uliedu kollha u lil familja tieghu! Barra minn hekk, anke li kieku dan kien il-kaz, il-minuri ma jahti xejn u xorta wahda ghandu d-dritt ta' manteniment minghand missieru ghaliex huwa d-dover tal-missier li jaccerta ruhu li l-ahjar interessi tal-minuri qed jigu salvagwardjati.

Jekk (dejjem skont l-intimat) l-attrici riedet twarrbu minn kull decizjoni li qatt setghet hadet fil-konfront tal-minuri, allura l-istess intimat seta' ha l-passi necessarji sabiex jassigura li dan ma jsirx. Pero' tali argument m'huwiex loku f'dawn il-proceduri ghaliex dak li jrid jigi deciz huwa jekk l-intimat iridx ihallas manteniment ghal ibnu u f'kaz fl-affermattiv, kemm u f'liema ammont.

Tul il-proceduri tressqu numru ta' xhieda li permezz taghhom l-attrici taghti prova tal-introjtu u l-assi tal-intimat u dan sabiex jigi likwidat il-

[8] Ara x-xhieda tal-attrici in kontro-ezami datata s-17 ta' Jannar 2014 a fol 435 tal-process

manteniment dovut. Fost ix-xhieda li taw l-evidenza taghhom u prezentaw numru ta’ dokumenti, l-Qorti ssemmi lir-rapprezentanti tal-banek li prezentaw dokumentazzjoni dettaljata tal-*statements* tal-istess intimat. Mix-xiehda tar-rapprezentant tal-HSBC Bank Malta Plc Audrey Ghigo jirrizulta li f’kont partikolari li inghalaq nhar is-27 ta’ Marzu 2006, l-intimat kellu xejn anqas minn Lm100,000[9]. Dwar tali ammont l-intimat jikkontendi li kien self da parti ta’ missieru pero’ l-Qorti ma temminx tali verzjoni ghaliex l-ammont minnu nnifsu huwa wiehed konsiderevoli u lanqas li kieku dan kien veru, l-fatt li l-istess missieru wasal biex allegatament sellfu dan l-ammont ifisser li l-istess missier kien jemmen li ibnu kien f’posizzjoni li jhallsu lura l-istess ammont.

Imbaghad permezz ta’ Dok. HSBC5[10] jirrizulta li l-kont relattiv f’isem l-intimat infetah bl-ammont ta’ Lm50,080. Permezz ta’ dokumentazzjoni annessa mal-affidavit tal-attrici jirrizulta wkoll li l-intimat xtara proprjeta’ f’San Pawl il-Bahar ghall-prezz ta’ Lm83,300[11], biegh appartament ghall-prezz ta Euro11,809.92[12] u biegh appartament iehor ghall-prezz ta Euro 93,200[13]. Dwar l-introjtu tal-intimat, issir referenza ghax-xiehda ta’ Alan Grima datata l-21 ta’ Gunju 2012[14] fejn minkejja li jiddikjara li l-istess intimat m’huwiex fuq il-*payroll* tad-Dhalia Real Estate Services Limited, huwa jahdem mal-istess kumpanija fuq bazi ta’ *commission* bhala *self-employed*. L-istess xhud jipprezenta prospett tal-introjtu tal-intimat ghal bejn is-snin 2008 sal-lum (ara Dok. DRE 1 – DRE4[15]) li juru introjtu tajjeb ghall-istess intimat.

Min-naha l-ohra l-intimat jikkontendi li ghandu familja ta’ tifla zghira u mara xi jmantni, ghandu *loan* ta’ Euro 260 fix-xahar u ghandu spejjez konsiderevoli. Huwa interessanti kif l-istess intimat jikkonferma li hallas lura lil missieru s-self fl-ammont ta’ Euro 200,000[16], liema dikjarazzjoni

[9] Ara a fol 86 et seq
[10] Esebit a fol 186 tal-process
[11] Ara Dok. A anness mal-affidavit tal-attrici esebit a fol 22 tal-process
[12] Ara Dok. B anness mal-affidavit tal-attrici esebit a fol 24 tal-process
[13] Ara Dok. C anness mal-affidavit tal-attrici esebit a fol 24 tal-process
[14] Ara a fol 231 tal-process
[15] Esebiti a fol 235 – 238 tal-process
[16] Ara a fol 424 tal-process

tkompli tikkonferma kemm fil-verita' l-intimat ghandu minn fejn ihallas ghall-manteniment ekwu ghal ibnu kuntrarjament ghal dak li jsostni hu. Permezz ta-affidavit tieghu l-intimat jipprezenta wkoll rendikont tal-ispejjez li allegatament ghandu[17] izda l-Qorti tirrileva li jekk l-istess intimat jirnexxilu jghix bi spejjez li prattikament jammontaw ghal kemm qed jallega li jaqla' (u fost dawn l-ispejjez inizzel l-ispejjez relatati mat-telefonija), allura l-istess intimat ghandu jkollu bizzejjed flus u introjtu biex ihallas ghal ibnu ghaliex wara kollox ibnu huwa aktar importanti mill-*petrol* li jhallas ghall-vettura jew mill-kont tal-*mobile*.

Dwar il-manteniment ghall-minuri, l-Qorti tirrileva li pendenti l-proceduri qatt ma kien hemm talba ghal hlas ta' manteniment u konsegwentement huwa biss permezz tas-sentenza odjerna li l-intimat ser jigi ordnat ihallas manteniment ghal ibnu.

Mill-assjem tal-provi kollha, u anke tenut kont tal-fatt li l-minuri dejjem ghex mar-rikorrenti u m'hemm ebda indikazzjoni li l-istess minuri ser jieqaf jghix mal-istess rikorrenti ommu. Abbinat dan mal-fatt li l-intimat wera rezistenza kbira ihallas manteniment ghal ibnu (tant li mill-assjem tal-provi lanqas ghamel tentattiv sabiex jiddikjara x'ammont lest li jhallas bhala manteniment – anzi jammetti li ma jhallasx manteniment ghalih ghax ma jarahx regolarment u ghax kull darba li jarah ikun liebes sewwa u ghalhekk jidher li mhux fil-bzonn[18] bhal li kieku l-minuri kellu jkun fqir u fil-bzonn biex ihallas manteniment ghalih), il-Qorti thoss li jkun opportun li tali manteniment ikun jinkorpora fih ukoll l-ispejjez relattivi tas-sahha u l-edukazzjoni li jidher li l-intimat ma jaghmilx tajjeb ghalihom. Fic-cirkustanzi, l-Qorti thoss li l-intimat ghandu jhallas manteniment ta' Euro 400 kull erba` gimghat ghal ibnu sabiex dan itaffi parti mill-ispejjez relattivi ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri. Il-Qorti tirrileva li l-attrici rnexxielha turi bl-aktar mod konvincenti li l-intimat (kuntrarjament ghal dak li jipprova jsostni) ghandu l-mezzi finanzjarji sabiex ihallas manteniment ekwu ghal ibnu b'dan li l-manteniment likwidat jirrifletti wkoll l-posizzjoni finanzjarja tal-istess intimat. Tenut kont tal-proprjeta'

[17] Ara a fol 426 – 429 tal-process
[18] Ara x-xhieda tal-intimat datata s-17 ta' Jannar 2014 a fol 436 tal-process

f'ismu (jew li kellu), l-izvilupp li ghamel, l-ammonti kontanti fil-kontijiet bankarji tieghu, l-Qorti thoss li mhux gust li l-manteniment dovut ghall-minuri jkun wiehed minimu u dan *stante* li l-istess intimat ghandu mezzi tajbin sabiex jghajjex lill-minuri b'mod tajjeb u fuq kollox ghaliex l-istess wild ghandu jkollu l-istess trattament li qed jiehdu l-ulied l-ohra tal-istess intimat.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet  il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tillikwida l-ammont ta' manteniment dovut mill-intimat bhala manteniment ghall-minuri L fl-ammont ta' Euro 400 kull erba` gimghat, liema manteniment jinkludi fih l-ispejjez relattivi ghas-sahha u l-edukazzjoni. Tali manteniment ghandu jibqa' jithallas *di fermo* sakemm il-minuri jaghlaq l-eta' ta' 18 –il sena. Bejn l-eta' ta' 18 –il sena u 23 sena, l-istess manteniment jibqa' dovut biss f'kaz li l-istess wild ikun qed jistudja fuq bazi *full-time*. Jekk bejn l-eta' ta' 18 –il sena u 23 sena l-wild ma jkunx ghadu jirrisjedi ma' ommu, allura l-istess manteniment ghandu jithallas direttament lill-istess wild;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat ihallas manteniment fl-ammont ta' Euro 400 kull erba` gimghat hekk kif ordnat fil-paragrafu precedenti;

3. Tordna lill-intimat ihallas is-somma kumplessiva ta' Euro 17,600 rapprezentanti l-arretrati ta' manteniment minn Gunju 2011 sad-data tas-sentenza prezenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat C D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------